Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9383/17

DEVGEN 104
ACP 51
RELEX 429
COHAFA 39

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Mejju 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9417/17
Suġġett:	L-Operazzjonalizzazzjoni tar-Rabta bejn l-Aspett Umanitarju u l-Iżvilupp - Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Mejju 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Operazzjonalizzazzjoni tar-Rabta bejn l-Aspett Umanitarju u l-Iżvilupp, kif adottati mill-Kunsill fit-3540 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Mejju 2017.

ANNESS

Konklużjonijiet tal-Kunsill
L-Operazzjonalizzazzjoni tar-Rabta bejn l-Aspett Umanitarju u l-Iżvilupp

1. Id-dinja tal-lum qed tkompli tiffaċċa kriżijiet estremament serji, b'20 miljun ruħ f'riskju ta' karestija fil-Grigal tan-Niġerja, is-Sudan t'Isfel, is-Somalja u l-Jemen, aktar minn 65 miljun ruħ imġiegħla jiċċaqalqu minħabba konflitti, vjolenza, ksur tad-drittijiet tal-bniedem, apparti dawk spostati minħabba diżastri naturali, anke bħala konsegwenza tat-tibdil fil-klima, u 130 miljun ruħ li jiddependu fuq l-għajnuna umanitarja. Is-sistema umanitarja waħidha ma tistax tindirizza ħtiġijiet ta' kobor u diversità bħal din, speċjalment peress li l-kriżijiet spiss ireġġgħu lura l-progress fl-iżvilupp, b'mod partikolari meta dawn il-kriżijiet idumu ma jissolvew.

2. Kif iddikjarat fil-Konsensus Ewropew Ġdid dwar l-Iżvilupp, il-faqar, il-konflitt, il-fraġilità, u ċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni huma profondament marbuta flimkien u jridu jiġu indirizzati b'mod koerenti u komprensiv, anke bħala parti mir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rabtiet bejn l-iżvilupp sostenibbli, l-azzjoni umanitarja u l-prevenzjoni tal-konflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi, kif ukoll l-importanza ta' soluzzjonijiet politiċi u diplomatiċi biex ikunu appoġġati l-paċi u s-sigurtà, skont l-Istrateġija Globali tal-UE u l-Aġenda tal-2030 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jsir investiment fi programmi ta' prevenzjoni u li jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti tal-vulnerabbiltà, il-fraġilità u l-konflitt filwaqt li fl-istess ħin jintlaħqu l-ħtiġijiet umanitarji u tissaħħaħ ir-reżiljenza, biex b'hekk jonqsu r-riskji.

3. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti rilevanti tiegħu[1] u l-eżitu tas-Summit Umanitarju Dinji u jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza permezz ta' rabta aħjar bejn l-għajnuna umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp biex il-kriżijiet u d-diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, jiġu antiċipati u jkunu preparati u lesti biex jirreaġixxu għalihom. Huwa kruċjali li jkomplu jissaħħu r-rabtiet operattivi bejn approċċi komplementari tal-għajnuna umanitarja, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-prevenzjoni ta' konflitti, b'rispett sħiħ għall-prinċipji umanitarji u l-liġi umanitarja internazzjonali.

4. L-operazzjonalizzazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp teħtieġ viżjoni komuni u bidliet kulturali fl-organizzazzjonijiet li jirriżultaw f'approċċi ġodda fil-politiki u l-oqfsa legali biex jitrawmu b'mod sistematiku l-komplementarjetà, is-sinerġiji u l-kooperazzjoni bejn l-atturi umanitarji u tal-iżvilupp u atturi rilevanti oħra. L-għan globali huwa li jkunu promossi, mal-ewwel opportunità, modi koerenti ta' xogħol li huma aktar effettivi u effiċjenti fl-analiżi tal-fatturi tal-fraġilità, il-vulnerabbiltà u l-konflitt, kif ukoll il-kapaċitajiet lokali/nazzjonali biex jiġu indirizzati r-riskji u l-vulnerabbiltajiet, u jiġu żviluppati miżuri ta' prevenzjoni, jittejjeb ir-rispons, jingħata appoġġ għall-irkupru bikri u l-istabbilizzazzjoni, jiġu indirizzati l-ħtiġijiet, tinbena l-awtodipendenza u jitnaqqsu r-riskji. B'dan il-mod, l-enfasi inizjali u kontinwa għandha tkun fuq it-twassil ta' eżiti kollettivi, anke fil-livell tal-pajjiżi, billi ssir ħidma kollaborattiva u f'komplementarjetà minn naħa għal oħra tal-konfini istituzzjonali abbażi tal-vantaġġi komparattivi ta' kull komunità ta' atturi filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-prinċipji umanitarji, u sfruttati s-sinerġiji sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

[1] Konklużjonijiet tad-19 u l-20 ta' Novembru 2007 dwar rispons tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità; Konklużjonijiet tat-28 ta' Mejju 2013 dwar l-approċċ tal-UE għar-reżiljenza; Konklużjonijiet tat-12 ta' Mejju 2014 dwar l-approċċ komprensiv tal-UE, Konklużjonijiet tat-12 ta' Mejju 2016 dwar is-Summit Umanitarju Dinji, Konklużjonijiet tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-approċċ tal-UE lejn iċ-ċaqliq sfurzat u l-iżvilupp.

5. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja għandhom ikunu mfassla u mwassla b'mod aktar komplementari sabiex jirrispondu aktar malajr u b'mod aktar effettiv għad-dinamiki tal-fraġilità, il-faqar u l-vulnerabbiltà. Atturi għall-iżvilupp għandhom ikunu jistgħu jżommu preżenza matul il-kriżijiet biex jappoġġaw ir-reżiljenza u t-transizzjoni lejn l-iżvilupp sa mill-istadji bikrin b'mod prevedibbli, u jorjentaw ir-rispons tagħhom biex jinkludu attivitajiet għall-bini tar-reżiljenza. Jenħtieġ li l-għeruq tal-kawżi tal-fraġilità u l-vulnerabbiltà u l-konflitt jiġu indirizzati skont il-ħames Miri tal-Konsolidazzjoni tal-Paċi u tal-Istat[2], inkluż permezz tal-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u governanza inklużiva, l-indirizzar tal-inugwaljanzi strutturali u t-tnaqqis tar-riskji sottostanti. Id-degradazzjoni ambjentali u l-bidla fil-klima jżidu r-riskju ta' konflitt u jnisslu l-vulnerabbiltà. Għaldaqstant, iridu jinbnew il-kapaċitajiet lokali għat-tnaqqis tar-riskji u l-preparazzjoni u jissaħħaħ l-għajxien sabiex b'mod gradwali tintemm id-dipendenza fuq l-għajnuna umanitarja billi titrawwem l-awtodipendenza sabiex fil-ġejjieni l-komunitajiet vulnerabbli jkunu jistgħu jifilħu għal kriżijiet naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, anke waqt li jkunu qegħdin jirkupraw minnhom.

6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li, b'mod sistematiku, issir integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi matul ir-rabta bejn l-azzjoni umanitarja u l-iżvilupp. B'mod partikolari, għandu jiġi rikonoxxut bis-sħiħ ir-rwol tan-nisa bħala atturi tal-bidla, inkluż fl-azzjoni umanitarja, l-għajnuna għall-iżvilupp, il-konsolidazzjoni tal-paċi u s-sigurtà, il-medjazzjoni, ir-rikonċiljazzjoni u r-rikostruzzjoni, il-prevenzjoni ta' konflitti u kriżijiet, kif ukoll il-vulnerabilità akbar tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Id-diversi ħtiġijiet tal-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż persuni b'diżabilità, vittmi ta' vjolenza sessista, persuni spostati, anzjani u tfal, għandhom ikomplu jiġu kkunsidrati tul iċ-ċiklu ta' rispons kollu.

7. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' skambju f'waqtu ta' informazzjoni minn atturi umanitarji u tal-iżvilupp u ta' analiżijiet kuntestwali konġunti sistematiċi li jidentifikaw ir-riskji, jivvalutaw il-kawżi tal-fraġilità, il-kapaċitajiet fl-indirizzar tal-problemi u r-reżiljenza f'livelli differenti. Fejn possibbli, analiżijiet kuntestwali konġunti għandhom jappoġġaw ippjanar ta' rispons li jkun immexxi mill-pajjiżi u jippermettu finanzjament flessibbli. Dawn għandhom isiru fi stadju bikri u f'intervalli regolari, inkluż b'informazzjoni minn sistemi ta' twissija bikrija li tista' twassal għal azzjoni bikrija.

[2] https://www.newdeal4peace.org/peacebuilding-and-statebuilding-goals/

8. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattivi varji li għaddejjin bħalissa mmirati lejn it-trawwim tal-komplementarjetà u l-kooperazzjoni bejn atturi umanitarji u tal-iżvilupp, inkluż fil-qafas ta' approċċ tal-UE lejn l-ispostament sfurzat u l-iżvilupp. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu joperazzjonalizzaw ir-rabta u jmexxu 'l quddiem dan l-approċċ f'numru ta' pajjiżi pilota li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, bil-ħsieb li tiġi sistematizzata l-kooperazzjoni, jittejjeb l-użu tal-aħjar prattiki u li tiġi ġġenerata evidenza. Biex dan jitwettaq, l-atturi umanitarji u tal-iżvilupp għandhom jiġu mħeġġa jiddefinixxu eżiti kollettivi skont l-għan komuni biex isaħħu r-reżiljenza, il-parteċipazzjoni, l-għajxien u l-kapaċitajiet lokali, b'mod partikolari fost dawk l-aktar vulnerabbli.

9. Il-Kunsill jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li tittejjeb il-koordinazzjoni internament fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE u bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll dik esterna ma' atturi oħra, inkluż donaturi emerġenti, dipartimenti u aġenziji tan-NU, banek multilaterali u reġjonali tal-iżvilupp, fit-twettiq ta' analiżijiet u ppjanar konġunt, bil-ħsieb li jiġu identifikati l-ħtiġijiet u jinġabru flimkien kapaċitajiet addizzjonali, għarfien u riżorsi. Sħubijiet innovattivi mas-settur privat huma elementi ċentrali u għandhom jiġu segwiti b'mod attiv fejn xieraq.

10. Il-Kunsill jinkoraġġixxi aktar użu, mill-atturi umanitarji u tal-iżvilupp, ta' ċikli ta' ppjanar u pprogrammar multiannwali, analiżi konġunta tar-riskji u tal-vulnerabbiltà, ippjanar konġunt, kif ukoll approċċi programmatiċi kkoordinati fejn applikabbli, ibbażati fuq fehim aħjar tal-kuntesti soċjoekonomiċi, politiċi u ta' sigurtà tal-pajjiż tal-implimentazzjoni, filwaqt li jkunu rrispettati bis-sħiħ il-prinċipji umanitarji. Dan jeħtieġ strumenti u modalitajiet ta' finanzjament flessibbli u kkoordinati sew, li jippermettu rispons u aġġustament rapidi f'każ ta' emerġenza u attivitajiet ta' rkupru, speċjalment f'sitwazzjonijiet fraġili, kif ukoll li jippermetti l-prevenzjoni. Jeħtieġ ukoll żieda fl-użu ta' finanzjament multiannwali, kif inhu xieraq, sabiex jindirizza aħjar kriżijiet li jdumu ma jissolvew. L-evalwazzjoni ta' esperjenzi reċenti mal-fondi fiduċjarji tal-UE tista' tipprovdi tagħlimiet utli f'dan ir-rigward.

11. L-interventi għall-iżvilupp f'sitwazzjonijiet fraġli u milqutin minn xi konflitt għandhom iżommu f'moħħhom l-approċċ "tagħmilx ħsara" u jenħtieġ li jadottaw approċċ ta' ppjanar flessibbli u aktar speċifiku għall-kuntesti, filwaqt li jirrikonoxxu r-riskju għoli ta' falliment u l-ħtieġa li jaddattaw malajr għal sitwazzjonijiet li jevolvu. Programmi u strutturi operazzjonali għandhom jipprevedu l-kontinġenzi biex jindirizzaw riskji li jevolvu. Matul iċ-ċiklu kollu ta' pprogrammar, huwa importanti li l-UE u l-Istati Membri tagħha u partijiet ikkonċernati oħrajn ikomplu jevalwaw b'għajn kritika l-progress tagħhom kontra l-impatti fit-tul fuq il-paċi u d-dinamiċi tal-konflitti.

12. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ is-sjieda demokratika nazzjonali u lokali, it-tmexxija tal-gvernijiet u l-kapaċitajiet tal-governanza, kif ukoll il-bini ta' sistemi sensittivi għar-riskju, inkluż sistemi ta' protezzjoni soċjali, biex jittejbu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, kif ukoll il-kapaċità tal-gvernijiet li jnaqqsu l-vjolenza, jibnu soċjetajiet inklużivi, itejbu l-għoti ta' servizzi, il-ġustizzja soċjali u l-opportunitajiet ekonomiċi għall-persuni u għall-komunitajiet milquta minn kriżijiet. Ir-rwol ewlieni tas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali, fil-promozzjoni tad-djalogu u r-rikonċiljazzjoni, il-promozzjoni tar-rikostruzzjoni soċjali u l-koeżjoni għandu jiġi rikonoxxut b'mod sħiħ. Id-djalogu fil-livell lokali, il-medjazzjoni u l-mekkaniżmi ta' governanza xierqa għandhom jissaħħu bl-għan li jiġi ffaċilitat l-involviment tal-komunità, il-parteċipazzjoni u r-reazzjoni tagħhom. L-iżvilupp ta' strateġiji inklużivi nazzjonali u lokali għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, inkluż mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tar-riskju ta' diżastri li jippermettu rispons mis-sjieda lokali u jżidu l-prevedibbiltà tal-finanzjament, kif ukoll l-iżvilupp ta' approċċ mis-soċjetà kollha u mir-riskji kollha rigward il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri huma ugwalment importanti biex titnaqqas il-fraġilità u l-vulnerabilità u biex tiżdied ir-reżiljenza.

13. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jibqgħu jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet li ttieħdu minn fuq il-post u jappella lill-Kummissjoni biex tikkunsidra mezzi għall-iskambju tal-aħjar prattiki u informazzjoni, inkluż permezz tal-pjattaforma Capacity4Dev, biex tiżviluppa għodod effettivi u prattiċi u soluzzjonijiet sostenibbli. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex fi żmien sena jirrappurtaw dwar il-progress fl-operazzjonalizzazzjoni tar-rabta, inkluż attivitajiet mal-Istati Membri. Jenħtieġ li jkunu żgurati rabtiet xierqa ma' mekkaniżmi ta' rappurtar simili u eżistenti.